# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu, 2019

**Rikors Numru : 505/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**MB**

**Vs**

**AA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MB, datat 13 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disa' u tmenin (1989) kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg anness u mmarkat "Dokument A";*

*Illi minn dan iz-zwieg ghanhdom tifla wahda G li twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) u li ghalhekk hija magorrenni;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbghatax (2014) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Cardona (Dokument B);*

*Illi il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' (4) snin;*

*Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghix flimkien,* illum ghandhom *hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi skont l-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fuq citat "Il-komparenti konjugi B jiddikjaraw illi prezentement huma jinstabu ingaggati fi impjieg. Ghalhekk ir-ragel qed jirrinunzja milli jitlob manteniment minghand il-Mara u qieghed jobbliga ruhu illi fl-eventwalita' li l-Mara tieqaf mix-xoghol ghar-ragunijiet mhux imputabbli lilha u simultanjament ir-Ragel ikun f'impjieg jew ikun qed jircievi penzjoni tal-eta', jibda jivversalha manteniment fis-somma ta' tletin ewro (€ 30) fix-xahar;"*

*Illi peress li prezentement l-intimata qedgha tahdem ebda' manteniment mir-ragel ma huwa dovut;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registgru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata, datata 29 ta' Jannar, 2018, a fol 14, li taqra hekk:

1. *Illi hija ma topponiex ghat-talba tar-rikorrent.*

2. *Illi hija ma ghandha tbati l-ebda spejjez.*

3. *Salv rispost ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**MB** xehed a fol 16 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Lulju 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fid-29 fit-12 t'Awissu 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AA** xehdet a fol 19 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*[...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentment pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Lulju, 1989 (Vide Dok. A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, llum magorenni;

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri, datat 18 ta' Settembru (Vide Dok.B, a fol 4);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-**

**llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**